MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1197/2002/1

**Philip Grima**

**vs**

**Edwin Smith, u b' sentenza in parte tal-25 ta' Marzu, 2004, it-Tribunal ordna li jigi kjamat fil-kawza Francis Baldwin**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Marzu, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza parzjali fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas l-ammont ta' Lm1499 (elf, erbgha mija u disgha u disghin lira Maltin)

rapprezentanti ta' cens dovut mill-15 ta' Lulju 1990 sat-2 ta' Settembru 2001.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
L-intimat huwa mitlub ihallas is-somma ta' elf, erbgha mija u disgha u disghin lira Maltin (Lm1499) rapprezentanti cens dovut mill-15 ta' Lulju 1990 sat-2 ta' Settembru 2001 u dan a tenur tal-kuntratt ta' cens tat-28 ta' Frar tal-1981 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Raphael Darmanin.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet il-mittent baqa inadempjenti.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-atti gudizzjarji relatati kif ser jintwera fis-smiegh tal-kawza.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
1. It-talba hija preskritta skond l-Artikolu 2156 (a) tal-Kap 16.
2. Illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat 4 ta' Marzu 1991 (Dok ES1), l-utile dominju gie trasferit lil Francis Baldwin li gie rikonoxxut mill-attur. Ghandu ghalhekk jigi msejjah fil-kawza Francis Baldwin.
3. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Sema' ix-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali mill- konvenut (Art 2156 (a) tal-Kap 16). L-iter kontrattwali huwa s-segwenti: l-attur b'kuntatt fl-atti tan-Nutar George Cassar datat 2 ta' Settembru 1980 kkonced b'enfitewsi temporanja ghal wiehed u ghoxrin sena (21) l-fond Flat 2, St Philip Buildings, Gudja Road, Luqa lil certu Paul Busuttil. Dan Busuttil b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph R. Darmanin datat 28 ta' Frar 1981 ittrasferixxa l-istess cens lill-konvenut, accettanti l-istess li rrikonoxxih fuq l-istess kuntratt. Il-konvenut da parti tieghu ittrasferixxa l-utile

dominju lil certu Francis Baldwin b'kuntratt datat 4 ta' Marzu 1991 accettanti l-istess attur.

Illi l-attur qed jirriklama l-impost tac-cens ghal perjodu mill-15 ta' Lulju 1990 sat-2 ta' Settembru 2001. F'dan il-perjodu, l-odjern konvenut ma kienx qed jittedjeni l-fond meritu tal-kawza b'xi titolu, hlief ghal perjodu 15 ta' Lulju 1990 sal-4 ta' Marzu 1991.

L-attur jirreferi ghal citazzjoni prezentata kontra l-konvenut (Citaz Nru 1212/91 JRM) fejn gie kjamat fil-kawza l-istess Francis Baldwin b'degriet datat 5 ta' Frar 1992, flimkien ma terza persuna ohra.

Din ic-citazzjoni giet notifikata lil konvenut fil-21 ta' Jannar 1992, fil-waqt li l-ittra ufficjali datata 25 ta' April 2000 giet notifikata lil ibnu Christopher Smith fit-3 ta' Mejju 2000. F'dik ic-citazzjoni, l-attur qed jitlob ic-cens dovut ghal perjodu mill-15 ta' Lulju 1990 sal-prezentata tac-citazzjoni cioe' 20 ta' Novembru 1991, liema cens jammonta ghal mija u ghoxrin lira (Lm120) annwu.

Illi n-notifika tal-ittra ufficjali qed tigi kontestata bhal irrita u nulla. L-art 187 fit-tieni paragrafu tal-ewwel sub-artikolu tal-Kap 12 li jghid izda l-kopja ma tistax tithalla f'idejn persuni ta' eta anqas minn erbatax (14) –il sena, jew f'idejn persuna li minhabba mard tal-mohh ma tistax taghti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titiqies li hja kapaci li taghti dik ix-xhieda, sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju li n-notifika ma tistax tigi attakkata bhala rregolati ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet, jekk jinstab illi fil-fat il-kopja tkun waslet f'idejn dik il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata.

Illi gie pruvat 'ad nauseam' li Christopher Smith huwa wiehed min dawn il-persuni. Il-kondizzjoni fiziko-mentali tieghu giet accertata mid-dokumenti esibiti u x'xhieda tat-tobba u professuri tieghu, ossia Dr Nadette Spiteri u l-Profs. Herbert Lenicher, apparti l-istess konvenut u oht it-tifel Louise Mangion. Fuq dan il-punt zgur ma ghandux ikun hemm kontestazzjoni. Del resto ma giex pruvat li l-ittra ufficjali ghalkemm jidher li waslet ghand bin il-

konvenut, effettivament giet konsenjata lill-konvenut. Fil-konfront tal-konvenut dik l-ittra ufficjali ma taghmilx stat ta' prova ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni billi l-istess notofika hija irregolari.

In vista tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, dina ghandha tibqa impregudikata fil-konfront tal-attur. Billi l-perjodu ta' bejn il-15 ta' Lulju 1990 u l-20 ta' Novembru 1991 huwa kopert mic-citazzjoni gja fuq inferita u dik l-azzjoni giet prezentata qabel l-odjerni proceduri, dik it-talba ghadha tigi deciza minn dik il-Qorti.

Jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, b'dan illi l-perjodu fuq indikat ghandhu jibqa' eskluz minn dan il-gjudizzju, jiliberaw lil konvenut mill-osservanza tal-gjudizzju u jordna l-kjamata fil-kawza ta' Francis Baldwin, u dana a spejjes tal-attur, billi kif jirrizulta mill-atti processwali tac-citazzjoni ndikata, l-attur gja kellu konjizzjoni tal-istess trasferiment. Spejjez ta' din is-sentenza rizervati ghal gjudizzju finali."

L-attur appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha bl-aggravji konsistenti f' kontestazzjoni dwar ir-ragonament u konkluzjoni tat-Tribunal in meritu ghall-ewwel u ghat-tieni eccezzjoni sollevati mill-konvenut;

Indubitament is-sentenza profferita mit-Tribunal ghandha l-karatteristici ta' decizjoni parzjali. Konsegwentement, il-konvenut appellat issolleva in linea preliminari, bi twegiba ghall-aggravji l-fatt li ghall-appell interpost ma ntalabx il-permess preventiv tat-Tribunal;

Huwa evidenti minn din il-pregudizzjali illi l-appellat qieghed jirrikorri ghad-dispost ta' l-Artikolu 231 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan id-dispost jipprovdi hekk:-

"Jekk diversi kwistjonijiet f' kawza jinqatghu b' sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn

dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f' dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell";

Jissokta pero` jigi precizat fil-proviso tas-subinciz (1) tal-precitat artikolu dan li gej:-

"Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza";

Fil-fehma tal-Qorti dan id-dispost japplika ukoll fil-kaz ta' sentenzi parzjali moghtija mit-Tribunal. Dan mhux biss ghaliex il-gudikatur ghandu in forza tal-ligi "l-istess setgha daqs Magistrat li joqghod fil-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza civili taghha" [Artikolu 9 (2) (e), Kapitolu 380] imma wkoll ghax "id-decizjoni tat-Tribunal li tkun ghaddiet f' gudikat tista' tkun esegwibbli ... mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhallikieku d-decizjoni kienet sentenza ta' Qorti jew ohra" [Artikolu 10 (4)];

Dan iwassal ghall-osservazzjoni illi meta l-ligi tipprovdi l-mod dwar kif ir-rit procedurali ghandu jigi segwit fil-kaz ta' sentenzi parzjali, u l-parti ma taghmelx uzu minnu, l-appell hekk prezentat minn setenza in parte ma jkollu ebda effikacja u ma jistax hlief ikun kolpit b' irritwalita`. Din mhix kwistjoni ta' formalizmu zejjed izda pjuttost ta' sikurezza processwali dettata mil-ligi li *nolens volens* ghandha tigi mharsa u segwita ghar-regolarita` ta' l-appell. M' hemmx dubju illi l-iskop tal-legislatur li ntroduca l-appozita emenda ghall-artikolu citat bl-Att XXIV ta' l-1995 kien dak li kemm jista' jkun l-appell lil din il-Qorti jkun ristrett ghal kaz ta' sentenzi definittivi, u possibilment ma jigux provvokati appelli li kapaci jfixklu l-andament tal-kawza;

Mill-atti jirrizulta li wara li nghatat is-sentenza appellata fil-25 ta’ Marzu 2004 l-attur qabad u ghadda biex intavola l-appell minn din is-sentenza fl-14 ta’ April 2004 minghajr ma qabel talab l-awtorizzazzjoni preventiva tat-Tribunal ghal daqshekk. Mill-verbal tal-25 ta’ Marzu 2004 (fol. 56) la jidher li saret talba verbali ta’ l-intenzjoni li jigi prezentat appell, u lanqas ma jirrizulta li sar rikors fiz-zmien utli. Tant hu hekk li t-Tribunal sar jaf li sar appell fuq id-dikjarazzjoni ta’ l-attur fil-verbal tat-8 ta’ Gunju 2004 (fol. 61);

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet “**Carmelo *sive* Charles Attard *et nomine* -vs- Domenic Micallef *et nomine***”, Appell, 28 ta’ Jannar 2000, b’ abbracc ta’ l-enuncjazzjoni esposta f’ bosta sentenzi anterjuri, *ad exemplum*, dik a **Vol. XLIX P I p 421**, "il-procedura hi ligi ta’ ordni pubbliku. Ghalhekk ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b’ ohra lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi rinunzjata, mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*”.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara l-appell interpost bhala irritu u null u ma tiehux konjizzjoni ulterjuri tieghu, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu mill-attur appellant. Il-Qorti qed tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------